SAINT JAMES HOSPITAL

# INFORMAZZJONI TAL-PAZJENT - SEDAZZJONI

## X'inhi sedazzjoni fil-vini?

Sedazzjoni fil-vini hi meta mediċina sedattiva tkun injettata fid-demm biex tirrilassak.

Hemm 3 livelli differenti ta' sedazzjoni fil-vini: minima, moderata jew l-iktar qawwija.

- ***Sedazzjoni minima –*** se tingħata ammont żgħir ta' sedattiv. Se tħossok rilassat u inqas inkwetat b'dak li qed jiġri madwarek, imma se tibqa' mqajjem/mqajma u tkun tista' titkellem normali. X'aktarx li tiftakar li kellek dan it-trattament, imma mhux id-dettall kollu. Dan it-tip ta' loppju mhux se jaffetwalek in-nifs.
- ***Sedazzjoni moderata*** (li tibqa' konxju) – se tingħata ftit iktar doża ta' loppju sabiex tħossok rilassat/a u mħeddel/mħeddla. Importanti però li xorta tkun tista' ssegwi struzzjonijiet sempliċi. Loppju moderat mhux se jaffettwalek in-nifs.
- ***Sedazzjoni qawwija*** – se tingħata doża aktar qawwija ta' mediċina li biha se torqod għall-maġġoranza tal-ħin ta' waqt l-intervent li se tingħata. It-tabib mhux se jkellmek waqt l-intervent. Jista' jkun li jiġi affettwat in-nifs matul l-intervent u se tkun segwit kontinwament mit-tim tagħna. Jista' jkun li tiftakar parti mit-trattament.

## X'inhi sedazzjoni orali?

Dan jista' jkun utli għal min hu anzjuż qabel ma jagħmel anestesija ġenerali, imma waħdu jista' ma jkunx biżżejjed biex jirrilassak għal waqt intervent. Dan jieħu ftit tal-ħin biex jaħdem u jista' jkun diffiċli biex jaħdem għax mhux fuq kulħadd jaħdem bl-istess mod.

## X'inhuma l-benefiċċji ta' sedazzjoni fil-vini?

- Taħdem malajr u d-doża tista' tiġi aġġustata biex tingħata d-doża li għandek bżonn.
- Se tgħinek tkun iktar rilassat matul l-intervent. Din tista' tfisser ukoll li tiftakar xi ftit dwar dan it-trattament wara l-intervent.
- Għal xi interventi, din tista' tevita l-bżonn ta' anestesija ġenerali li tista' ma taqbilx ma' kulħadd speċjalment dawk li għandhom xi problemi mediċi.
- Ġeneralment ikollha inqas konsegwenzi minn anestesija ġenerali.
- Il-proċess ta' rkupru hu aktar malajr minn anestesija ġenerali, u għalhekk ġeneralment tmur id-dar wara siegħa mill-intervent jekk tkun qed tħossok tajjeb.

## X'inhuma r-riskji ta' sedazzjoni fil-vini??

- Il-frekwenza tat-teħid tan-nifs jista' jsir iktar bil-mod. Dan jista' jsir f'kull sedazzjoni imma hu l-iktar komuni meta tingħata dik qawwija. It-tabib għandu l-ħiliet li jsewgik u jgħinek tieħu n-nifs meta jkun hemm bżonn.
- Hu komuni li l-pressjoni tad-demm titbaxxa, imma t-tabib hu mħarreġ biżżejjed biex jgħinek u jikkurak.
- Jista' jkun li tħossok ma tiflaħx jew li tirremetti, għalkemm dan hu rari.
- Rari ħafna jista' jkun hemm reazzjoni allerġika.
- Jista' jkollok tbenġila żgħira fejn kellek il-labra.
- Wara jista' jkun li tħossok ftit stordut, u jkollok ċans akbar li taqa' speċjalment jekk inti kbir fl-età.
- Is-sedazzjoni tista' taffettwalek il-ġudizzju tiegħek u l-memorja sa 24 siegħa.

- **X'inhi l-alternattiva għal sedazzjoni?** Anestesija ġenerali: ma tkunx konxju ta' x'qed jiġri waqt l-intervent u ma jkollok l-ebda memorja x'ġara.
- Anestesija lokali mingħajr ebda sedazzjoni: waqt it-trattament se tkun konxju, imma komdu. Jista' jitqiegħed skrin biex ma tarax il-proċedura.

### Min jiddeċiedi jekk għandix bżonn sedazzjoni?

Tista' tiddiskuti dan mat-tabib jew l-infermier meta tiġi eżaminat. Jekk ma ġejtx offrut/a, dejjem tista' tistaqsi jekk hemmx possibilità li tagħmilha. Jekk ikun hemm xi riskju għoli li ma tagħmilhiex, it-tobba se jiddiskutuha miegħek biex jgħinuk tasal għad-deċiżjoni.

### X'se jiġri qabel it-trattament?

Meta tidħol fil-kamra li fiha se tagħmel l-intervent, se jqabbdulek xi tagħmir ta' monitoraġġ. Dan it-tagħmir jiddependi mit-tip ta' intervent jew sedazzjoni se tagħmel imma ġeneralment jinkludi:

- Manjetta tal-pressjoni tad-demm madwar driegħek
- Bħal tubu fuq il-parti ta' fuq ta' sidrek biex jirreġistra r-ritmu tal-qalb tiegħek.
- Klipp fuq subgħajk biex ikejjel il-livelli t'ossiġnu.
- Tubu rqiq tal-plastik jew maskra żgħira se tintuża biex tissorvelja n-nifs tiegħek matul il-proċedura.

Aħna nissorveljaw il-kumdità, nifsek u l-effetti tas-sedazzjon fuqek matul il-proċedura.

### Kif tingħata s-sedazzjoni fil-vini?

- Din tingħata fi drip (cannula) li titpoġġa fil-vini ta' driegħek jew fuq wara ta' jdejk. Jista' jkun li jkollok bżonn iktar waqt l-intervent. F'sedazzjoni qawwija, ġeneralment tingħata mediċina kontinwament fil-vina.
- Ġeneralment tingħata ossiġnu biex tieħu n-nifs minn tubu tal-plastik li jitpoġġa taħt imnieħrek, jew minn maskra..

### Kif tħossok meta tkun taħt sedazzjoni?

Mhux kulħadd taffettwah l-istess, jiddependi minn kemm tingħata mediċina. F'sedazzjoni qawwija set torqod, imma f'dik minima ħafna drabi se tħossok rilassat.

### Meta nista' mmur id-dar?

- Jekk tkun għamilt sedazzjoni minima jew moderata, ħafna drabi tmur id-dar wara siegħa mill-intervent.
- Jekk tkun għamilt sedazzjoni qawwija, se ddum bejn siegħa u sagħtejn biex tirkupra. Kollox jiddependi minn kemm iddum ma tirkupra.

### Hemm xi struzzjonijiet importanti oħra wara l-intervent?

- Se jkollok bżonn lil xi ħadd isuqek id-dar jew taqbad taxi – idealment ma tużax trasport pubbliku – u jibqa'/tibqa/ miegħek matul il-lejl. Jekk m'għamiltx arranġamenti ma' xi ħadd wara l-intervent, ma tistax tmur id-dar.
- Is-sedazzjoni jista' jagħmlek tħossok ftit instabbli fuq saqajk. Jekk jogħġbok, oqgħod attent fit-turġien u ara li hemm xi ħadd miegħek.
- Attent mid-deċiżjonijiet li se tieħu għal 24 siegħa wara t-trattament tiegħek. Oqgħod attent li ma tagħmilx deċiżjonijiet importanti u oqgħod attent kif tuża l-mezzi soċjali.

- Tmurx għax-xogħol, tiħux ħsieb persuni, issuqx, issajjarx jew tħaddimx makkinarju għal 24 siegħa. Il-mediċina tista' ddum 24 siegħa biex tgħaddi minn ġismek.
- Tiħux alkoħol jew pilloli tal-irqad għal 24 siegħa wara l-intervent.

**Effetti sekondarji, komplikazzjonijiet jew riskji**

F'anestesija moderna, problem serji mhux komuni. Illum il-ġurnata, xorta għad hemm ftit riskju imma l-mediċina moderna u tagħmir u taħriġ għamlu l-anestesija proċedura ħafna aktar sikura.